Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2024/2019(DEC)

21.2.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, Taqsima III – Il-Kummissjoni, l-aġenziji eżekuttivi u d-disa', l-għaxar u l-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp
(2024/2019(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Lina Gálvez

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi huma valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; billi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija wieħed mill-valuri fundaturi tal-Unjoni u l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-attivitajiet kollha tagħha kif minqux fl-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), biex b'hekk tistabbilixxi l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru, u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

B. billi l-Kummissjoni Ewropea saħħet l-impenn tagħha favur Unjoni ta' Ugwaljanza, kif muri fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, li tniedi Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025 f'konformità mal-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

C. billi l-Pjan ta' azzjoni għall-edukazzjoni diġitali 2021-2027 se jfittex speċifikament li jżid l-inklużjoni tan-nisa fl-oqsma ta' studju u fil-karrieri diġitali u STEM, inkluż bħala imprendituri; billi l-mekkaniżmi ta' finanzjament futuri għandhom jiffaċilitaw din iż-żieda fl-inklużjoni tan-nisa u tal-bniet;

D. billi skont in-Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità, l-objettivi tal-programm Daphne kienu u jibqgħu rilevanti għall-ħtiġijiet fl-oriġini tagħhom, jiġifieri l-protezzjoni tat-tfal, taż-żgħażagħ u tan-nisa mill-vjolenza u l-prevenzjoni tagħha;

E. billi l-Unjoni għandha lok għal titjib fl-approċċ tagħha lejn il-promozzjoni tal-ugwaljanza permezz tal-politiki, tal-leġiżlazzjoni, u tal-mekkaniżmi ta' finanzjament tagħha; billi l-Parlament Ewropew ripetutament talab lill-Kummissjoni tippromwovi u timplimenta l-użu tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, inkluż l-ibbaġitjar skont il-ġeneru u l-valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-ġeneri, fil-politiki kollha tal-Unjoni;

F. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni ntlaqtet b'mod negattiv mill-konsegwenzi tar-rigressjoni fil-konfront tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tad-drittijiet tan-nisa, b'mod partikolari fl-oqsma tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) f'diversi Stati Membri; billi l-protezzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) huma essenzjali biex tinkiseb ugwaljanza sħiħa bejn il-ġeneri u tiġi ggarantita l-awtonomija tan-nisa fuq ġisimhom stess; billi l-movimenti kontra l-ġeneru u l-movimenti kontra l-abort fl-Ewropa qed isemmgħu leħinhom aktar u qed isiru aktar influwenti; billi dawn il-movimenti huma ffinanzjati tajjeb u organizzati tajjeb, u x'aktarx li se jagħmlu aktar pressjoni fuq id-drittijiet tan-nisa fil-futur; billi kriżijiet oħra li jinsabu għaddejjin bħalissa, bħall-kriżi klimatika, il-kunflitti armati u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja għandhom ukoll impatt sproporzjonat fuq in-nisa; billi dawn il-fatturi jkomplu japprofondixxu l-inugwaljanzi u jxekklu l-progress lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

G billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea mhux biss tnaqqax fiha l-ugwaljanza bejn il-ġeneri iżda tipproteġi wkoll id-dinjità tal-bniedem u tipprojbixxi kull forma ta' diskriminazzjoni, inklużi dawk ibbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru;

1. Jesprimi tħassib serju dwar in-nuqqas ta' enfasi, fil-baġit tal-Unjoni, fuq il-protezzjoni tan-nisa u tal-bniet minn kwalunkwe forma ta' vjolenza; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' data diżaggregata dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u jħeġġeġ l-implimentazzjoni xierqa u fil-pront tal-Artikolu 44 tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika[1]; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesploraw il-fattibbiltà tat-tkabbir u tat-titjib tad-data miġbura, b'mod partikolari biex jiġu evitati reati ripetuti jew prevedibbli, malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ f'kull leġiżlazzjoni u rieżami ġodda; iħeġġeġ valutazzjonijiet tal-impatt obbligatorji fir-rigward tal-ġeneri mmirati lejn il-protezzjoni kontra l-vjolenza biex jippermettu l-monitoraġġ tal-effettività tal-miżuri fl-atti leġiżlattivi rilevanti;

2. Jisħaq fuq il-fatt li perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tiġi integrata u żgurata fl-oqsma ta' politika kollha, b'mod partikolari fid-dawl tal-impatti multipli fuq il-ġeneri minn kriżijiet varji li għaddejjin bħalissa b'rabta mal-klima, mal-enerġija, kif ukoll kriżijiet soċjali, b'enfasi fuq is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u r-rigressjoni fil-konfront tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa f'diversi Stati Membri u madwar id-dinja; itenni, għalhekk, it-talba tiegħu għall-implimentazzjoni tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru fl-istadji kollha tal-proċess baġitarju;

3. Jenfasizza li minħabba l-persekuzzjoni li qed jiffaċċjaw il-persuni LGTBIQA+, huwa neċessarju li jiġi allokat baġit suffiċjenti għal miżuri li jikkumbattu l-fobija tal-LGTBIQA+, bħal linji telefoniċi għall-counselling u għall-attenzjoni;

4. Jirrikonoxxi l-impenn tal-Unjoni favur l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ħtieġa li ssir aktar enfasi fuq il-ġlieda kontra l-vjolenza fil-konfront tan-nisa u tal-bniet fl-UE, kif ukoll l-użu ta' kampanji ta' informazzjoni; ifakkar li mara waħda minn kull tlieta fl-UE tesperjenza vjolenza abbażi tal-ġeneru matul ħajjitha, inkluża vjolenza fiżika, sesswali u psikoloġika jew theddid ta' vjolenza[2]; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi mtenni li l-istupru għadu wieħed mill-aktar ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem u li tiġi stabbilita b'mod urġenti definizzjoni komuni ta' stupru fuq il-bażi ta' nuqqas ta' kunsens fil-livell Ewropew b'sanzjonijiet minimi komuni fil-liġijiet nazzjonali; itenni li kull sess mhux kunsenswali jrid jiġi kklassifikat bħala stupru f'kull Stat Membru tal-UE;

5. Itenni li s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) huma drittijiet fundamentali tal-bniedem, u li dawn jitwettqu huwa aspett fundamentali tad-dinjità tal-bniedem u prerekwiżit biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jappella għal sforz Ewropew b'saħħtu biex jiġu protetti l-valuri fundamentali tagħna bħad-drittijiet ugwali għall-awtonomija fiżika u l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati inkluż abort sikur u legali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-allokazzjonijiet baġitarji li jappoġġjaw ir-rispett universali għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u l-aċċess universali għalihom, inkluż l-aċċess għal abort bla ħlas, sikur

[1] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L_202401385
[2] https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/eu-gender_based_violence_survey_key_results.pdf

u legali u servizzi essenzjali oħra tas-saħħa riproduttiva;

6. Jilqa' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-metodoloġija tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru; itenni l-ħtieġa li l-applikazzjoni tagħha tiġi żviluppata u mtejba aktar; jappella għall-ġbir, għar-rapportar u għall-evalwazzjoni msaħħa ta' data komparabbli diżaggregata skont il-ġeneru fil-kuntest tal-politiki kollha rilevanti tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex dan tittrattah bħala prijorità;

7. Jinsab imħasseb dwar ir-riskji finanzjarji dejjem jikbru minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatt tagħha fuq in-nisa; jirrikonoxxi l-pożizzjoni vulnerabbli tan-nisa fil-kuntest tal-gwerra u fiż-żoni ta' kunflitt u li trid tingħata prijorità lill-politiki li jipproteġu lit-tfal, lin-nisa u lill-familji speċjalment fl-għoti ta' għajnuna f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u fl-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa inklużi l-kontraċezzjoni ta' emerġenza, l-ittestjar għal infezzjonijiet trażmessi sesswalment, it-trattament profilattiku wara l-esponiment u l-aċċess għal kura sikura u legali f'każ ta' abort; jikkundanna l-vjolenza abbażi tal-ġeneru relatata mal-kunflitti, inklużi l-vjolenza sesswali u l-istupru bħala arma tal-gwerra; jappella għall-protezzjoni u għall-appoġġ tan-nisa u għall-inklużjoni tal-prevenzjoni tat-traffikar u tal-isfruttament sesswali speċjalment billi tingħata għajnuna f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa inkluż l-aċċess għal abort sikur u legali;

8. Ifakkar li l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol hija ferm aktar baxxa fost in-nisa u l-irġiel b'diżabbiltà meta mqabbla ma' dawk mingħajr diżabbiltà; jappella għal miżuri xierqa biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni;

9. Jappoġġja l-għan tal-Inizjattiva Spotlight tan-Nazzjonijiet Uniti li ttemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u tindirizza l-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli, bħall-vittmi ta' prattiki ta' ħsara bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili jew iż-żwieġ tat-tfal u jenfasizza l-ħtieġa li dawn il-miżuri jinkludu lin-nisa LBTIQA+; iħeġġeġ lill-Kummissjoni twaqqaf il-finanzjament ta' movimenti fl-Unjoni u barra minnha li jikkontribwixxu għall-oppressjoni tan-nisa f'kull forma tagħha, inklużi kampanji kontra d-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet tan-nisa u s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni kontra l-vjolenza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, inklużi b'mod espliċitu l-isforzi edukattivi li jiġġieldu l-fobija tal-LGBTIQA+ u jippromwovu d-drittijiet sesswali u riproduttivi; jappella għal programmi ta' edukazzjoni komprensivi u adattati għall-età dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-kunsens u r-rispett għad-diversità fl-Istati Membri kollha;

10. Jappella biex il-baġit tal-UE jipprovdi aħjar għan-nisa li, fil-preżent, għandhom opportunitajiet limitati għal skambji ma' persuni oħra u għal żvilupp tal-kompetenzi, pereżempju, permezz ta' programmi ta' mentoraġġ jew networks professjonali mis-setturi kollha tal-ekonomija Ewropea;

11. Ifakkar li skont l-Artikolu 11.2 tat-TUE, l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtiġilhom iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u strutturat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u jisħaq b'mod partikolari f'dan ir-rigward li s-suċċess għall-finanzjament strutturali huwa prerekwiżit biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni pubblika u li mingħajrha ma jkunx possibbli għaċ-ċittadini li l-vuċi tagħhom tgħaddi fil-

livell tal-UE permezz tal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, li jżommu djalogu regolari mal-istituzzjonijiet tal-UE filwaqt li jikkontribwixxu għall-parteċipazzjoni demokratika fit-tfassil tal-politika, djalogu miftuħ u vast, filwaqt li jiżguraw li d-diversità tal-opinjonijiet u tat-tħassib jitqiesu b'aċċess ugwali għall-interess pubbliku meta mqabbel mal-interess kummerċjali, u jeżerċitaw rwol ta' monitoraġġ dwar l-implimentazzjoni tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż l-użu ta' fondi tal-UE jew jaġixxu bħala sistema ta' kontrokontrolli għall-istat tad-dritt; ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni fil-linji gwida politiċi tagħha li żżid l-involviment tagħha mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għandhom l-għarfien espert u rwol importanti x'jiżvolġu fid-difiża tal-kwistjonijiet tas-soċjetà u fil-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, li jfisser li filwaqt li l-Kummissjoni ma għandhiex tagħti mandat lill-NGOs biex iwettqu ċerti attivitajiet jew biex jappoġġjaw pożizzjonijiet jew politiki speċifiċi, jibqa' essenzjali li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, permezz tal-finanzjament tal-UE, ikunu jistgħu jkunu involuti fi djalogu miftuħ, trasparenti u strutturat mal-istituzzjonijiet tal-UE kif minqux fl-Artikolu 11 tat-TUE, permezz ta' attivitajiet bħall-attivitajiet ta' promozzjoni, dimostrazzjonijiet jew azzjonijiet ġudizzjarji, u li dawn għandhom jibqgħu eliġibbli fil-programmi ta' finanzjament rilevanti u għandu jkollhom finanzjament iddedikat suffiċjenti disponibbli;

12. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-fondi kollha tal-UE jaslu għand il-benefiċjarji intenzjonati tagħhom, u li jiġi żgurat li l-ebda finanzjament tal-UE ma jiġi allokat jew marbut ma' kwalunkwe kawża jew forma ta' terroriżmu, li jkollu konsegwenzi katastrofiċi għan-nisa u għall-bniet;

13. Jappella għal qafas ta' finanzjament stabbli biex jiġu żgurati l-effettività u s-sostenibbiltà tal-Programm Daphne biex tiġi appoġġjata l-protezzjoni tan-nisa u tat-tfal kontra l-vjolenza; ifaħħar l-effiċjenza tal-programm Daphne bħar-riżultati u l-impatti impressjonanti, meta mqabbla mar-riżorsi modesti allokati; jisħaq fuq l-importanza li tiġi ddedikata linja baġitarja speċifika għall-Inizjattiva Daphne biex jiżdiedu l-viżibbiltà, it-trasparenza u l-akkontabbiltà fid-distribuzzjoni tal-fondi, b'mod partikolari permezz ta' miżuri mmirati lejn il-ġlieda kontra l-forom u l-livelli kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa u l-bniet u l-vjolenza domestika u biex il-vittmi jiġu appoġġjati kif xieraq; jirrikonoxxi li l-għan tal-programm Daphne huwa li jipproteġi lit-tfal, liż-żgħażagħ u lin-nisa minn kull tip ta' vjolenza u traffikar, u li jikseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, benesseri u koeżjoni soċjali; għal dak il-għan, iħeġġeġ lill-UE tqis il-programm bħala prijorità fil-baġit tal-UE;

14. Jitlob il-ħolqien ta' programm speċifiku fil-qafas ta' finanzjament tal-programm Daphne biex tiġi indirizzata l-vjolenza kontra n-nisa LGBTIQA+, inkluż li jiġu pprovduti postijiet ta' refuġju sikuri, aċċess għal servizzi ta' appoġġ imfassla apposta għall-ħtiġijiet tagħhom, u l-protezzjoni tad-drittijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Il-President fil-kapaċità tagħha bħala rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	18.2.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 –: 10 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Mireia Borrás Pabón, Irmhild Boßdorf, Mélissa Camara, Margarita de la Pisa Carrión, Valérie Devaux, Elisabeth Dieringer, Rosa Estaràs Ferragut, Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Alexandra Geese, Chiara Gemma, Assita Kanko, Arba Kokalari, Ewa Kopacz, Elena Kountoura, Sebastian Kruis, Judita Laššáková, Eleonora Meleti, Irene Montero, Carolina Morace, Maria Noichl, Mirosława Nykiel, Sirpa Pietikäinen, Giusi Princi, Emma Rafowicz, Joanna Scheuring-Wielgus, Benedetta Scuderi, Laurence Trochu, Marko Vešligaj, Maria Walsh, Lucia Yar
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Donazzan, Loucas Fourlas, Elisabeth Grossmann, Jana Toom
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriella Gerzsenyi, Nikos Papandreou

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

27	+
PPE	Loucas Fourlas, Gabriella Gerzsenyi, Arba Kokalari, Ewa Kopacz, Eleonora Meleti, Mirosława Nykiel, Sirpa Pietikäinen, Giusi Princi, Maria Walsh
Renew	Abir Al-Sahlani, Valérie Devaux, Jana Toom, Lucia Yar
S&D	Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Elisabeth Grossmann, Maria Noichl, Nikos Papandreou, Emma Rafowicz, Joanna Scheuring-Wielgus, Marko Vešligaj
The Left	Elena Kountoura, Irene Montero, Carolina Morace
Verts/ALE	Mélissa Camara, Alexandra Geese, Benedetta Scuderi

10	-
ECR	Elena Donazzan, Chiara Gemma, Assita Kanko, Laurence Trochu
ESN	Irmhild Boßdorf
NI	Judita Laššáková
PfE	Mireia Borrás Pabón, Elisabeth Dieringer, Sebastian Kruis, Margarita de la Pisa Carrión

1	0
PPE	Rosa Estaràs Ferragut

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni